# Il-Ħadd 11.10.2020

1. Illum 11/10 **niċċelebraw l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja: 236 sena** *(nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)*:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

2. Is-Sibt 17/10:
   - Fil-5:00pm - Laqgħa tal-Abbatini.

3. Il-Ħadd 18/10, **Jum il-Missjoni**:
   - Marbuta ma' dan il-jum, ser nagħmlu Lotterija fuq iz-zuntier tal-knisja, u l-offerta tal-quddies tkun bil-għan li nipprovdu għajnuna finanzjarja lill-Missjunarji biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta' karità. Infakkru wkoll li rċevejtu bil-posta envelops apposta. Tistgħu tibgħatu l-offerta tagħkom lill-Uffiċċju Missjunarju jew tgħadduha hawn jew lill-Kappillan, bħalma soltu nagħmlu.
   - L-ACN (Aid to the Church in Need) qed tippromwovi l-Kampanja *"Miljun tifel u tifla madwar id-dinja jitolbu r-Rużarju għall-għaqda u l-paċi."* Għalhekk qed tistieden lit-tfal kollha biex xi ħin matul dan il-jum, mal-ġenituri/kustodji tagħhom, jingħaqdu flimkien ma' tfal minn madwar id-dinja kollha f'inizjattiva tat-talba tar-Rużarju għall-ftehim, l-għaqda, u l-paċi fid-dinja.

4. Avviżi oħra:-
   - Illum 11/10, mit-8:30am sas-1:00pm ser ikun hemm il-*Mobile Blood Donation Unit* quddiem il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq biex tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.
   - Jekk tiftakru, fil-Festa rajna li mhux biss niġbru biex inkopru l-ispejjeż tagħha, imma wkoll li nagħtu għajnuna u attenzjoni partikulari lil diversi persuni vulnerabbli fil-komunità tagħna, kif ukoll lil diversi istituzzjonijiet li jaħdmu bis-sħiħ biex jagħmlu dan, anke f'dawn iż-żminijiet ta' sfida. Għaldaqstant, apparti l-għajnuniet li nagħtu mill-Kummissjoni Djakonija fi ħdan il-parroċċa, inħabbrilkom li ser niddedikaw € 1,000 li nġabru mill-envelopes għal 4 istituzzjonijiet li għażilna: is-*St Jeanne Antide Foundation*, il-*Malta Hospice Movement*, id-Dar tal-Providenza, u d-Dar tal-Kleru biex hekk igawdu minn donazzjoni ta' € 250 kull istituzzjoni.

5. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Dwar it-tilqima tal-influwenza, il-Kunsill javża li kemm dawk li ibbukkjaw u kemm dawk li ma laħqux imma jixtiequha, għandhom imorru l-Uffiċċju tal-Kunsill biex jiġbru l-karta bid-dati ta' meta sa tingħata din it-tilqima fil-Berġa.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 125 bħala ġabra speċjali bħala "l-Offerta ta' San Pietru", jiġifieri Offerta b'risq l-għotjiet ta' kartà li jagħmel il-Papa;
   - € 260 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti prinċipali ta' restawr;
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**, illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.